



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.10.2020
COM(2020) 960 final

2020/0299 (BUD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Kroazja u lill-Polonja fir-rigward ta' diżastru naturali u biex jipprovdi għall-pagament ta' avvanzi lill-Kroazja, lill-Ġermanja, lill-Greċja, lill-Ungerija, lill-Irlanda, lill-Portugal u lil Spanja b'rabta ma' emerġenza tas-saħħa pubblika

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Din id-deċiżjoni tkopri l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-FSUE') skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002¹ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'ir-Regolament') għal ammont ta' EUR 823 548 633 biex tingħata assistenza lill-Kroazja u lill-Polonja wara diżastri naturali li seħħew f'dawn il-pajjiżi matul l-2020, kif ukoll għal avvanzji lil seba' Stati Membri (il-Kroazja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Portugal, Spanja) b'reazzjoni għall-emerġenza tas-saħħa pubblika ewlenija kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 fil-bidu tal-2020. Din il-mobilizzazzjoni hija akkompanjata mill-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 9/2020² li jipproponi li l-appropriazzjonijiet meħtieġa jiddaħħlu fil-baġit ġenerali tal-2020 kemm bħala impenji kif ukoll f'pagamenti.

2. INFORMAZZJONI U KUNDIZZJONIJET

2.1 Il-Kroazja – terremot li affettwa l-belt ta' Zagreb u l-kontej ta' Zagreb u Krapina-Zagorje f'Marzu tal-2020

- (1) Fit-10 ta' Ġunju tal-2020, ir-Repubblika tal-Kroazja (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kroazja") ressqet applikazzjoni għal kontribuzzjoni mill-FSUE għall-finanzjament ta' operazzjonijiet ta' emerġenza u rkupru wara t-terremot tal-22 ta' Marzu tal-2020 li affettwa l-belt ta' Zagreb u l-kontej ta' Zagreb u Krapina-Zagorje.
- (2) L-applikazzjoni tressqet fi żmien il-perjodu ta' tmax-il ġimġha wara l-ewwel okkorrenza ta' ħsara kkawżata mid-diżastru u fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa skont l-Artikolu 4 tar-Regolament.
- (3) It-terremot huwa ta' oriġini naturali u għalhekk jaqa' taħt l-ambitu tal-applikazzjoni tal-FSUE.
- (4) L-awtoritajiet Kroati jistmaw li l-ħsara diretta totali tammonta għal EUR 11 572 586 387. Dan l-ammont jirrappreżenta 22.9 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) tal-Kroazja, u jaqbeż il-livell limitu ta' 'diżastru maġġuri' għall-mobilizzazzjoni tal-FSUE ta' EUR 303,3 miljun (0.6 % tal-ING tal-Kroazja fl-2020). Għaldaqstant, id-diżastru jikkwalifika bħala "diżastru naturali maġġuri" u għaldaqstant jaqa' fil-qasam ta' applikazzjoni tar-Regolament.
- (5) Il-ħsara diretta totali hija l-bażi li fuqha jsir il-kalkolu tal-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-EUSF. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tista' tintuża biss għal ħidmijiet ta' emerġenza essenzjali kif definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament.
- (6) Is-servizzi tal-Kummissjoni wettqu investigazzjoni bir-reqqa tal-applikazzjoni skont ir-Regolament b'mod partikolari skont l-Artikoli 2, 3 u 4 tiegħu. Fis-17 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni talbet lill-Kroazja tikkomplementa informazzjoni dwar il-metodoloġija użata biex tiġi stmata l-ispiża tat-tiswija ta' bini residenzjali u faċilitajiet edukattivi. Din l-informazzjoni ġiet ipprovduta kif dovut mill-Kroazja fit-28 u l-31 ta' Lulju 2020 li tippermetti lill-Kummissjoni tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha.

¹ ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

² COM(2020)961, 9.10.2020.

- (7) Fl-applikazzjoni tagħhom, l-awtoritajiet Kroati jiddeskrivu fid-dettall l-avveniment u l-entità tad-dannu. L-aktar żona milquta tinkludi l-Belt ta' Zagreb u l-kontej ta' Zagreb u Krapina-Zagorje, li jgħoddu 1,23 miljun abitant li minnhom 1,18 miljun jgħixu f'muniċipalitajiet u bliet fejn ġie ddikjarat l-istat ta' diżastru naturali. It-terremot, b'kobor ta' skala ta' 5,5 Richter, kien l-aktar wieħed b'saħħtu li laqat Zagreb mill-1880. 27 persuna sfaw midruba u waħda mietet minħabba l-korrimenti.
- (8) It-terremot ikkawża ħsarat strutturali kbar lill-istokk tal-bini, b'mod partikolari bini residenzjali u pubbliku (jiġifieri faċilitajiet edukattivi, sptarijiet, bini tal-istituzzjonijiet). L-awtoritajiet Kroati stmaw li 26 000 binja saritilhom ħsara (madwar 5 % bil-kbir, 20 % moderatament u 74 % ftit). Huwa stmat li 30 000 persuna ġew spostati; il-gvern Kroat ipprovdiehom sussidji għall-kiri ta' akkomodazzjonijiet temporanji.
- (9) It-terremot ikkawża ħsara kbira lill-maġġoranza tal-bini fi ħdan il-kumpless urban storiku tal-Belt ta' Zagreb kif ukoll proprjetà kulturali immobbli individwali, prinċipalment knejjes, li jinsabu fiż-żona usa' tal-belt u l-kontej ġirien. Wieħed miż-żewġ spieri tal-katidral, is-sit kulturali l-aktar ikoniku ta' Zagreb, waqa'. Aktar minn 80 % tal-bini tal-isptarijiet intlaqtu direttament mit-terremot u 17 % ġew ivvalutati bħala temporanjament jew permanentement mhux utilizzabbli. It-terremot ikkawża ħsara lil ħafna faċilitajiet edukattivi. Skont il-valutazzjoni inizjali, 106 binjiet maħsuba għall-edukazzjoni preprimarja, 214 binja skolastika u ċentri għall-edukazzjoni, u 12-il dormitorju tal-istudenti saritilhom ħsara. Barra minn hekk, 36 unità kostitwenti tal-Università ta' Zagreb irrappurtaw ħsara f'142 binja. Il-binjiet li fihom hemm 29 istitut xjentifiku kienu affettwati ukoll. Informazzjoni dettaljata dwar il-ħsara ġenerali, l-ispiża relatata, kif ukoll l-impatt soċjoekonomiku tad-diżastru hija disponibbli fir-Rapport "It-terremot tal-Kroazja. Valutazzjoni Rapida tal-Ħsara u tal-Ħtiġijiet 2020 ", imħejji mill-Gvern Kroat, bl-appoġġ tal-Bank Dinji.
- (10) Il-valutazzjoni indipendenti mwettqa mis-servizzi tal-Kummissjoni kkonfermat iż-żona affettwata kif ukoll l-għadd globali tal-popolazzjoni esposta ddikjarata fl-applikazzjoni. Analiżi dedikata tad-danni f'assi pubbliċi u bini residenzjali kkonfermat id-distribuzzjoni spazjali tal-ħsarat u n-numri speċifiċi li jikkonċernaw il-ħsara lill-faċilitajiet edukattivi. Fuq talba tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-komplement tal-informazzjoni pprovduta mill-Kroazja ppermettiet fehim aħjar tal-orijini tal-ispejjeż ġenerali pprovduti fit-talba. Bl-applikazzjoni ta' din l-ispiża fil-metodoloġija tal-istima tal-ispejjeż tal-Kummissjoni, elaborata miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, il-ħsara diretta totali li tirriżulta hija fi ħdan il-kobor ta' dik stmata mill-awtoritajiet Kroati.
- (11) Il-Kroazja qieset li l-ispiża tal-operazzjonijiet ta' emerġenza u rkupru eliġibbli skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament tammonta għal EUR 2 270,1 miljun u ppreżentata maqsuma skont it-tip ta' operazzjoni. L-akbar sehem jikkonċerna l-ispejjeż għar-restawr tal-infrastruttura għax-xogħol, b'mod partikolari l-edukazzjoni u s-saħħa, u l-akkomodazzjoni temporanja.
- (12) L-awtoritajiet Kroati kkonfermaw li ma hemm l-ebda kopertura tal-assigurazzjoni tal-kostijiet eliġibbli.
- (13) Fl-applikazzjoni tagħha tal-10 ta' Ġunju tal-2020, il-Kroazja talbet għal ħlas bil-quddiem kif stabbilit fl-Artikolu 4a tar-Regolament. Fl-10 ta' Awwissu 2020, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C (2020) 5575 li tagħti pagament bil-quddiem mill-FSUE li jammonta għal EUR 88 951 877 u sussegwentement ħallsitu lill-Kroazja.

- (14) Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji tad-diżastri, bħalissa ma hemm l-ebda proċedura ta' ksur għaddejja.
- (15) L-Artikolu 47a tal-Emendi għall-Att Kroat dwar il-Kostruzzjoni, li daħlu fis-seħħ fl-28 ta' Diċembru 2019, jippreskrivu l-obbligu li tiġi adottata strateġija fit-tul għar-rinnovazzjoni tal-fond nazzjonali tal-bini, inklużi politiki u miżuri li jikkontribwixxu biex tizzied il-protezzjoni kontra r-riskji relatati mat-terremoti li jaffettwaw il-ħajja tal-bini.

2.2 Il-Polonja- għargħar f'Podkarpackie Voivodeship f'Ġunju tal-2020

- (1) Fl-24 ta' Awwissu 2020, ir-Repubblika tal-Polonja (minn hawn' il quddiem 'il-Polonja') ressqet applikazzjoni għal kontribuzzjoni mill-FSUE dwar l-għargħar f'Podkarpackie Voivodeship f'Ġunju tal-2020.
- (2) L-applikazzjoni tressqet fi żmien il-perjodu ta' tnaħ-il ġimgħa wara l-ewwel okkorrenza ta' ħsara kkawżata mid-diżastru u fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa skont l-Artikolu 4 tar-Regolament.
- (3) L-għargħar ikkawżat mix-xita huwa ta' oriġini naturali u għalhekk jaqa' taħt l-ambitu tal-applikazzjoni tal-FSUE.
- (4) L-applikazzjoni ppreżentat l-avveniment bħala 'diżastru naturali reġjonali' kif stabbilit fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament, li huwa kwalunkwe diżastru naturali f'reġjun fil-livell NUTS 2 ta' Stat eliġibbli li jirriżulta fi ħsara diretta li taqbeż il-1.5 % tal-prodott domestiku gross (PDG) ta' dak ir-reġjun. L-awtoritajiet Pollakki jistmaw li l-ħsara diretta totali tammonta għal EUR 282 851 202. Il-ħsara kkawżata tirrappreżenta 1,56 % tal-PDG tar-reġjun tal-livell NUTS 2 ikkonċernat Podkarpackie u għalhekk taqbeż il-limitu ta' EUR 270 961 950 (1,5 % tal-PDG reġjonali). It-talba mill-Polonja hija għalhekk eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-FSUE.
- (5) Il-ħsara diretta totali hija l-bażi li fuqha jsir il-kalkolu tal-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-EUSF. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tista' tintuża biss għal ħidmiet ta' emerġenza essenzjali kif definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament.
- (6) Il-Polonja ma talbitx li jsir ħlas bil-quddiem.
- (7) Is-servizzi tal-Kummissjoni wettqu investigazzjoni bir-reqqa tal-applikazzjoni skont ir-Regolament b'mod partikolari skont l-Artikoli 2, 3 u 4 tiegħu. Fit-3 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni talbet lill-Polonja informazzjoni supplimentari dwar analiżi aktar dettaljata dwar it-tipi ta' ħsara (sottopunti) inklużi taħt il-ħsarat lin-negozji, l-agrikoltura u l-forestrija. Il-Polonja debitament ipprovdiet din l-informazzjoni fis-7 ta' Settembru 2020 u ppermettiet lill-Kummissjoni tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha.

- (8) L-applikazzjoni tiddeskrivi fid-dettall l-avveniment u l-entità tal-ħsara. Is-sekwenza ta' avvenimenti meteoroloġiċi, fil-forma ta' fronti ta' maltempati vjolenti b'riħ qawwi u xita qawwija, seħħet tul il-Podkarpackie Voivodeship kollu bejn is-7 ta' Ġunju 2020 u d-29 ta' Ġunju 2020. L-ġhargħar għal għarrieda li rriżulta affettwa prinċipalment il-parti tan-Nofsinhar, tal-Lbiċ, tax-Xlokk u ċentrali tal-Voivodeship. Minħabba xita qawwija, xmajriet żgħar u tributarji tax-xmajjar ewlenin esperjenzaw żieda rapida u ħarġu mix-xtut, li wasslu għal għargħar għal għarrieda ta' aktar minn 2 000 binja residenzjali, tal-biedja u ta' utilità pubblika. Matul dan il-perjodu, l-unitajiet tas-Servizz tat-Tifi tan-Nar tal-Istat u tas-Servizz tat-Tifi tan-Nar tal-Voluntiera wieġbu għal total ta' 4 569 avveniment relatati mat-tiħiħ u l-ġholi tal-livell tal-kuruna tal-imbankmenti tal-ġhargħar tax-xmajjar, l-evakwazzjoni ta' persuni (aktar minn 400 persuna ġew evakwati) u l-proprjetà, l-ippumpjar tal-ilma mill-bini, it-twessigħ u l-ikklerjar tal-kanali tad-drenaġġ tat-toroq, it-tneħħija ta' siġar u friegħi li waqgħu. B'kollox, madwar 4 300 persuna tilfu temporanjament l-aċċess għall-elettriku.
- (9) Minħabba l-ġhargħar, madwar 251 km ta' kanal tal-ilma regolat u mhux regolat inqerdu jew saritilhom ħsara. L-ġhargħar ikkawża ħsarat fl-infrastruttura tan-netwerk, kif ukoll, għan-negozji li joperaw fiż-żona affettwata; ħafna siti ta' produzzjoni, swali tal-ħżin, makkinarju u tagħmir inqerdu jew inġarru. Aktar minn 2 000 bidwi sofrew ukoll ħsarat importanti, b'erja ta' għelejjel affettwata ta' madwar 9 000 ettaru u ħafna bini u makkinarju tal-azjendi agrikoli ġarrbu ħsara.
- (10) Il-Polonja qieset li l-ispiża tal-operazzjonijiet ta' emerġenza u rkupru eliġibbli skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament tammonta għal EUR 216 180 849 u preżentata maqsuma skont it-tip ta' operazzjoni. L-akbar sehem jikkonċerna l-ispejjeż għar-restawr għal ordni ta' tħaddim tal-infrastruttura tat-trasport, l-iżġurar ta' infrastruttura preventiva u r-restawr immedjat taż-żoni naturali affettwati biex jiġu evitati effetti immedjati mill-erożjoni tal-ħamrija.
- (11) L-awtoritajiet Pollakki kkonfermaw li l-ebda kopertura tal-assigurazzjoni ma tagħmel tajjeb għall-kostijiet eliġibbli.
- (12) Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji tad-diżastri, bħalissa ma hemm l-ebda proċedura ta' ksur għaddejja.

2.3 Il-Kroazja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Portugal u Spanja — emerġenza kbira tas-saħħa pubblika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 fil-bidu tal-2020

F'Diċembru 2019, epidemija ta' pulmonite ta' oriġini mhux magħrufa ġiet irrappurtata lid-WHO minn Wuhan, iċ-Ċina. Aktar tard ġiet identifikata bħala razza ġdida tal-coronavirus li qabel ma kinitx magħrufa fil-bnedmin — il-marda tal-Coronavirus 2019 (COVID-19) — marda infettiva kkawżata mis-sindromu respiratorju akut gravi coronavirus 2 (SARS-CoV-2). Il-popolazzjoni m'għandha l-ebda immunità kontra l-virus il-ġdid. Il-virus jinfirex minn persuna għal persuna permezz ta' infezzjoni tal-qtar, u jikkawża għadd kbir ta' każijiet li jinvolvu primarjament sintomi respiratorji relattivament malajr. Fit-30 ta' Jannar 2020, id-WHO ddikjarat emerġenza epidemika ta' skala internazzjonali minħabba l-epidemija l-ġdida tal-coronavirus.

Fl-2020 bħala parti mill-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII), ir-Regolament ġie emendat sabiex jippermetti azzjoni komprensiva tal-Unjoni b'reazzjoni għal

emerġenzi kbar tas-saħħa pubblika billi jiġu inklużi emerġenzi kbar tas-saħħa pubblika fil-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' solidarjetà tal-UE³.

Sussegwentement, sad-data tal-iskadenza tal-24 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni rċeviet 22 applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond relatata mal-emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 fil-bidu tal-2020.

- (1) B'mod ġenerali, 19-il Stat Membru tal-UE (l-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Polonja, il-Portugal, ir-Rumanija, is-Slovenja u Spanja) u tliet pajjiżi ta' adeżjoni (l-Albanija, il-Montenegro u s-Serbja) talbu l-assistenza.
- (2) Seba' Stati Membri tal-UE fl-applikazzjonijiet tagħhom talbu l-ħlas ta' ħlas bil-quddiem fuq il-kontribuzzjoni antiċipata mill-FSUE (il-Kroazja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Portugal u Spanja). Ir-Regolament jipprevedi l-possibbiltà li jintalbu pagamenti bil-quddiem taħt il-FSUE għall-Istati Membri biss.
- (3) Il-pandemija tal-COVID-19 hija emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri u għalhekk taqa' taħt l-ambitu tal-applikazzjoni tal-FSUE.
- (4) Is-servizzi tal-Kummissjoni għamlu valutazzjoni preliminari tal-applikazzjonijiet li waslu mis-seba' Stati Membri msemmija hawn fuq u kkonkludew li l-kundizzjonijiet għall-ħlas ta' avvanz mill-FSUE huma ssodisfati għas-seba' applikazzjonijiet kollha.
- (5) L-Artikolu 4a, paragrafu 4 tar-Regolament jistabilixxi li pagament bil-quddiem li ma jaqbiżx 125 % tal-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja antiċipata u fl-ebda każ ma jista' jitħallas aktar minn EUR 100 miljun. Peress li l-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet bil-quddiem tal-FSUE inizjalment disponibbli fil-baġit 2020 diġà ġew ikkunsmati kompletament, il-Kummissjoni tipproponi l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi addizzjonali meħtieġa, fi ħdan il-limitu massimu annwali stabbilit għall-FSUE.
- (6) Abbażi tal-valutazzjoni preliminari, is-servizzi tal-Kummissjoni stabbilixxew in-nefqa totali aċċettata provviżorjament għall-Kroazja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Portugal u Spanja għall-iskop uniku li jiġi ddeterminat il-ħlas bil-quddiem. F'każ li parti min-nefqa ġiet identifikata bħala ineliġibbli, l-ammont tnaqqas mit-total. L-għoti tal-ħlas bil-quddiem ma jippreġudikax ir-riżultati tal-valutazzjoni sħiħa li se titwettaq mis-servizzi tal-Kummissjoni.
- (7) L-ammont tal-ħlas bil-quddiem għandu jitqies qabel ma jitħallas il-bilanċ tal-kontribuzzjoni lill-Istat benefiċjarju.
- (8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirkupra l-ħlasijiet bil-quddiem li jitħallsu indebitament.
- (9) L-Istat benefiċjarju huwa responsabbli għall-għażla tal-operazzjonijiet individwali u għall-implimentazzjoni tal-pagament bil-quddiem tal-kontribuzzjoni mill-FSUE skont l-Artikoli 3, 5(3) u 6 tar-Regolament.

Bħala konklużjoni, il-kundizzjonijiet għall-ħlas ta' avvanz lill-Kroazja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Portugal u Spanja huma ssodisfati għas-seba' applikazzjonijiet kollha għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE relatata mal-emerġenza ewlenija tas-saħħa pubblika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 fil-bidu tal-2020.

³ Ir-Regolament (UE) 2020/461 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020.

2.4 Konklużjoni

Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, id-diżastri msemmija fl-applikazzjonijiet imressqa mill-Kroazja u l-Polonja, kif ukoll is-seba' applikazzjonijiet fir-rigward tal-pandemija tal-COVID-19 jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament.

3. FINANZJAMENT MILL-ALLOKAZZJONIJIET TAL-FSUE GĦALL-2020

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, EURATOM) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020⁴ (minn issa 'l quddiem "ir-Regolament dwar il-QFP"), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu, jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FSUE, b'limitu massimu annwali ta' EUR 500 000 000 (prezzijiet tal-2011). Il-Punt 11 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba⁵ (IIA) jistabbilixxi l-modalitajiet għall-mobilizzazzjoni tal-FSUE.

Billi s-solidarjetà kienet il-ġustifikazzjoni ċentrali għall-ħolqien tal-FSUE, il-Kummissjoni hija tal-fehma li jenħtieġ li l-għajjnuna tkun progressiva. Dan ifisser li, skont prattika preċedenti, jenħtieġ li l-porzjon tal-ħsara li jaqbeż il-livell limitu ta' "diżastri naturali maġġuri" għall-mobilizzazzjoni tal-FSUE (jiġifieri 0,6 % tal-ING jew EUR 3 biljun fil-prezzijiet tal-2011, skont liema minnhom ikun l-iżgħar ammont) iwassal għal intensità ta' għajjnuna akbar mill-ħsara sal-livell limitu. Ir-rata applikata fil-passat biex jiġu definiti l-allokkazzjonijiet għal diżastri maġġuri hija ta' 2,5 % tal-ħsara diretta totali taħt il-livell limitu, u 6 % għall-parti tal-ħsara 'l fuq minn dan. Għal diżastri reġjonali u diżastri aċċettati taħt id-dispożizzjoni ta' "pajjiż ġar" ir-rata hija ta' 2,5 %.

Il-kontribuzzjoni ma tistax taqbeż l-ispiża totali stmata tal-operazzjonijiet eliġibbli. Il-metodoloġija biex tiġi kkalkulata l-għajjnuna kienet imfassla fir-Rapport Annwali tal-2002-2003 dwar il-FSUE u aċċettata mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew.

Abbażi tal-applikazzjonijiet mill-Kroazja u l-Polonja, il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE, ibbażat fuq l-istima tal-ħsara diretta totali kkawżata, huwa kif ġej:

Stati Membri	Kwalifikazzjoni tad-diżastri	Ħsara diretta totali (EUR miljun)	Livell limitu applikat għad-diżastri reġjonali [1.5 % tal-PDG/ 1 % tal-PDG tar-reġjuni ultraperiferiċi] (miljun EUR)	Livell limitu għal diżastri maġġuri (EUR miljun)	2,5 % tal-ħsara diretta sal-livell limitu (EUR)	6 % tal-ħsara diretta 'l fuq mil-livell limitu (EUR)	Somma totali ta' l-Għajjnuna proposta (EUR)	Flas bil-quddiem imħallas (EUR)
IL-KROAZJA	Maġġuri (L-Art. 2(2))	11 572,586	-	303,276	7 581 900	676 158 623	683 740 523	88 951 877
IL-POLONJA	Reġjonali (L-Art. 2(3))	282,851	270,962	-	7 071 280	-	7 071 280	
TOTAL							690 811 803	

Fil-każ ta' emerġenzi kbar tas-saħħa pubblika, il-Kummissjoni se tapplika l-istess metodu għad-determinazzjoni tal-ammonti ta' għajjnuna bħal fil-każ ta' diżastri naturali. Għaldaqstant, pajjiż jirċievi 2,5 % tal-ammont totali tan-nefqa eliġibbli għar-rispons pubbliku sal-limitu speċifiku għall-pajjiż għal emerġenzi tas-saħħa kbar, flimkien ma' 6 % tal-parti tan-nefqa pubblika li taqbeż il-limitu. Jekk dan il-kalkolu jwassal għal ammont totali għall-pajjiżi kollha li jaqbeż l-appropriazzjonijiet tal-baġit disponibbli, l-ammonti għal kull pajjiż jitnaqqsu fuq bażi pro rata.

⁴ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

⁵ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

Abbażi ta' valutazzjoni preliminari tal-applikazzjonijiet mis-seba' pajjiżi li talbu ħlas bil-quddiem, il-Kummissjoni stabbiliet in-nefqa totali aċċettata provviżorjament għall-Kroazja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Portugal u Spanja relatata mal-emerġenza tas-saħħa tal-COVID-19 għall-iskop uniku li tiddetermina l-ħlas bil-quddiem kif ġej:

Pajjiż Applikant	<i>Nefqa pubblika diretta totali kklejmjata (EUR)</i>	<i>Nefqa totali aċċettata provviżorjament mill-KE (EUR)</i>	<i>Limitu applikat ta' emerġenza tas-saħħa maġġuri (f'EUR miljuni)</i>	<i>2.5 % tal-ħsara diretta totali sal-limitu tal-emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri (EUR)</i>	<i>6 % tal-ħsara diretta totali 'il fuq mil-limitu tal-emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri (EUR)</i>	<i>Ammont ta' għajjuna possibbli (EUR)</i>	25 % ħlas bil-quddiem (EUR)
Il-Kroazja	658 771 839	652 607 470	151,638	3 790 950	30 058 168	33 849 118	8 462 280
Il-Ġermanja	2 079 000 000	2 079 000 000	1 792,639	44 815 975	17 181 660	61 997 635	15 499 409
Il-Greċja	623 925 000	623 925 000	551,220	13 780 500	4 362 300	18 142 800	4 535 700
L-Ungerija	1 997 208 000	1 997 208 000	385,263	9 631 575	93 944 140	106 348 275	26 587 069
L-Irlanda	1 997 000 000	1 997 000 000	762,921	19 073 025	74 044 740	93 117 765	23 279 441
Il-Portugal	3 470 870 000	2 850 870 000	598,233	14 955 825	103 198 020	150 114 045	37 528 511
Spanja	15 750 543 061	2 168 667 388	1 792,639	44 815 975	22 561 703	67 377 678	16 844 420
TOTAL							132 736 830

L-allokkazzjoni annwali disponibbli għall-FSUE fl-2020 hija ta' EUR 597 546 284 (jiġifieri EUR 500 miljun fi prezzijiet tal-2011). Barra minn hekk, ammont ta' EUR 552 977 761 tal-allokkazzjoni tal-2019 ma ntużax sal-aħħar ta' dik is-sena u ġie riportat għall-2020.

Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament QFP⁶, 25 % tal-allokkazzjoni oriġinali tal-2020 (EUR 149 386 571) jeħtieġ li tinżamm sal-1 ta' Ottubru 2020, iżda ssir disponibbli minn dik id-data. Għalhekk, l-ammont massimu disponibbli taħt il-Fond ta' Solidarjetà għas-sena sħiħa 2020 huwa ta' EUR 1 150 524 045.

Wara Deċizzjoni ta' Mobilizzazzjoni preċedenti fl-2020, il-FSUE diġà ġie mobilizzat⁷ għall-erba' applikazzjonijiet li ġejjin, biex b'hekk jitnaqqsu d-disponibbiltajiet kumplessivi għas-sena li jifdal:

⁶ Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020.

⁷ Deċizzjoni (UE) 2020/1076 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-18 ta' Ġunju 2020 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Portugal, lil Spanja, lil-Italja u lil-Awstrija, li l-konsegwenzi finali għalihom ġew inklużi fil-Baġit Emendatorju 4/2020 adottat fl-istess jum.

Diżastru	Somma totali ta' l-Għajnuna proposta (EUR)
IL-PORTUGAL – l-uragan Lorenzo 2019 (diżastru reġjonali)	8 212 697
SPANJA – temp estrem DANA 2019 (diżastru reġjonali)	56 743 358
L-ITALJA – temp sever 2019 (diżastru maġġuri)	211 707 982
L-AWSTRIJA – temp sever 2019 (diżastru fil-viċinat)	2 329 777
TOTAL	278 993 814

Għalhekk, l-ammont massimu disponibbli taħt il-FSUE f'dan il-punt fl-2020 huwa ta' EUR 871 530 231, li huwa biżżejjed biex ikopri l-ħtiġijiet taħt din id-Deċiżjoni ta' Mobilizzazzjoni kif deskritt hawn fuq (EUR 823 548 633, li minnhom EUR 683 740 523 kienu relatati mat-terremot fil-Kroazja, EUR 7 071 280 relatati mal-għargħar fil-Polonja u EUR 132 736 830 għal pagamenti bil-quddiem relatati mal-applikazzjonijiet għall-COVID-19)⁸.

Ammont li huwa disponibbli bħalissa taħt il-Fond ta' Solidarjetà:	
Allokazzjoni annwali għall-2020	<i>EUR 597 546 284</i>
Flimkien mal-ammont li ma ntefaqx mill-allokazzjoni għall-2019 riportata lejn l-2020	<i>+EUR 552 977 761</i>
[25 % tal-allokazzjoni tal-2020 għandha tinżamm sal-1 ta' Ottubru 2020]	<i>[EUR 149 386 571]</i>
Tnaqqas tal-ammont totali ta' għajnuna proposta għal PT (Uragan Lorenzo), ES (temp estrem DANA 2019), IT (temp sever 2019) u AT (temp sever 2019)	<i>-EUR 278 993 814</i>
Ammont disponibbli minn Jannar - Settembru 2020	<i>EUR 722 143 660</i>
Ammont massimu disponibbli bħalissa	<i>EUR 871 530 231</i>
L-ammont totali propost li għandu jiġi mobilizzat għall-avvanzi fil-Kroazja, il-Polonja u l-Covid-19	<i>-EUR 823 548 633</i>
Disponibbiltajiet li fadal sal-31/12/2020	<i>EUR 47 981 598</i>

⁸ L-ammont li jifdal ta' EUR 47 981 598 mhux se jintuża fl-2020 u l-appropriazzjonijiet ta' impenn relatati se jiġu riportati għall-2021.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Kroazja u lill-Polonja fir-rigward ta' diżastru naturali u biex jipprovdi għall-pagament ta' avvanzi lill-Kroazja, lill-Ġermanja, lill-Greċja, lill-Ungerija, lill-Irlanda, lill-Portugal u lil Spanja b'rabta ma' emerġenza tas-saħħa pubblika

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1212/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jstabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea⁹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba¹⁰, u b'mod partikolari l-punt 11 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ("il-Fond") għandu l-għan li jippermetti lill-Unjoni tirrispondi b'mod rapidu, effiċjenti u flessibbli għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza sabiex tintwera solidarjetà mal-popolazzjonijiet tar-reġjuni milquta minn diżastri naturali reġjonali jew minn emerġenza maġġuri tas-saħħa pubblika.
- (2) Il-Fond ma għandux jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 500 000 000 (bil-prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013¹¹.
- (3) Fl-10 ta' Ġunju 2020, il-Kroazja ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, wara t-terremot f'Marzu 2020 li affettwa l-belt ta' Zagreb u l-kontej ta' Zagreb u Krapina-Zagorje.
- (4) Fl-24 ta' Awwissu 2020, il-Polonja ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, wara l-għargħar f'Ġunju 2020 f'Podkarpackie Voivodeship.
- (5) Sal-24 ta' Ġunju 2020, il-Kroazja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Portugal u Spanja ippreżentaw applikazzjonijiet biex jiġi mmobilizzat il-Fond b'rabta ma' emerġenza kbira tas-saħħa pubblika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 fil-bidu tal-2020. Fl-applikazzjonijiet tagħhom, is-seba' Stati Membri kollha talbu l-ħlas bil-quddiem tal-kontribuzzjoni antiċipata mill-Fond.

⁹ ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

¹⁰ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

¹¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

- (6) L-applikazzjonijiet mill-Kroazja u l-Polonja fir-rigward tad-diżastri naturali jissodisfaw il-kundizzjonijiet sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond, kif stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002.
- (7) Għaldaqstant il-Fond jenħtieġ li jiġi mobilizzat biex jipprovi kontribuzzjoni finanzjarja lill-Kroazja u l-Polonja.
- (8) Sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' riżorsi baġitarji suffiċjenti fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-2020, il-Fond għandu jiġi mobilizzat għall-ħlas ta' pagamenti bil-quddiem lill-Kroazja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Portugal u Spanja fir-rigward tal-emerġenza ewlenija tas-saħħa pubblika.
- (9) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun il-ħin li jieħu biex jiġi mobilizzat il-Fond, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jkun mobilizzat kif ġej f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament b'rabta mad-diżastri naturali:

- (a) l-ammont ta' EUR 683 740 523 għandu jiġi pprovdut lill-Kroazja;
- (b) l-ammont ta' EUR 7 071 280 għandu jiġi pprovdut lill-Polonja.

Artikolu 2

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jkun mobilizzat kif ġej f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għall-għoti ta' ħlas minn qabel b'rabta ma' emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri:

- (a) l-ammont ta' EUR 8 462 280 għandu jiġi pprovdut lill-Kroazja;
- (b) l-ammont ta' EUR 15 499 409 għandu jiġi pprovdut lill-Ġermanja;
- (c) l-ammont ta' EUR 4 535 700 għandu jiġi pprovdut lill-Greċja;
- (d) l-ammont ta' EUR 26 587 069 għandu jiġi pprovdut lill-Ungerija;
- (e) l-ammont ta' EUR 23 279 441 għandu jiġi pprovdut lill-Irlanda;
- (f) l-ammont ta' EUR 37 528 511 għandu jiġi pprovdut lill-Portugal;
- (g) l-ammont ta' EUR 16 844 420 għandu jiġi pprovdut lil Spanja.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika minn... [*id-data tal-adozzjoni tagħha*]^{***}.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

^{**} *Id-data li trid tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.*